# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 62

Data tal-laqgħa: 15 ta' Jannar, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 15 ta' Jannar 2019 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Mario Gauci |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**62/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**62/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Mario Gauci. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**62/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 60 u 61**

**62/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**62/02/02** **Para 60/02/02:** Is-Sindku qal li s-Sur Salvu Fenech beda x-xogħol fuq is-saqaf ġdid għal gazebo ta' Ġnien il-Paċi.

**62/02/03** **Para 60/02/03:** Is-Sindku qal li waqt il-korrispondenza ħa jitkellem fuq l-istima tal-*information panel*.

**62/02/04** **Para 60/02/04:** Is-Sindku spjega li l-*fence* u *welding* li kellu jagħmel il-Muzzan fi Triq Għaxqet l-Għajn, il-*fence* lesta kemm teħel fuq il-post.

**62/02/05** **Para 60/02/05:** Is-Sindku spjega li l-grada ġdida fi Ġnien il-Paċi saret. Iżda s-Sur Christopher Fenech kien qal li ġiet ftit qasira. Għaldaqstant, il-Muzzan ħa jżid biċċa oħra magħha.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**62/02/06** **Para 60/02/06:** Is-Sindku qal li toqob li ħa jsiru fi Triq San Ġwann, Triq San Bert u Triq Għaxqet l-Għajn (ħdejn id-Duluri) għadhom pendenti.

**62/02/07** **Para 60/02/07:** Is-Sindku nforma li l-Perit tal-Kunsill ħa jikteb lil ENEMALTA plc peress li wara li sar ix-xogħol min-naħa tagħhom, mit-triq/bankina qed jidħol ħafna ilma f'residenza fi Triq Stiefnu Zerafa.

**62/02/08** **Para 60/02/08:** Is-Sindku qal li l-ħaddiema tagħna għamlu kanal żgħir fejn joqgħod l-ilma fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**62/02/09** **Para 60/02/09:** Is-Sindku nforma li l-librerija miftuħa (fi Ġnien il-Paċi) saret u li qegħdin nistennew xi kotba min-*National Literacy Agency*.

**62/02/10** **Para 60/02/10:** Is-Sindku spjega li l-istrixxi taz-*zebra crossing* fi toroq prinċipali saru ħomor u bojod.

**62/02/11** **Para 60/02/11:** Is-Sindku qal li morna l-qorti biex nieħdu l-flus lura tal-ispejjeż legali wara li ġejna nfurmati li l-Bord tal-Gvernaturi ħa żball u li l-fond numru 27 fi Triq San Bartilmew ħa jiġi devolut lil Kunsill. Il-kawża nqgħatet il-bieraħ favur il-Kunsill.

**62/02/12** **Para 60/02/12:** Is-Sindku nforma li x-xogħol fi Sqaq ix-Xgħajrat jinsab fl-aħħar fażi.

**62/02/13** **Para 60/02/13:** Is-Sindku spjega li sar kuntatt mad-DLG U PA rigward permess ta' GP Borg fi Triq tal-Balal sabiex il-pagament ta' GP Borg jiġi kollhu għandna peress li l-iżvilupp ser isir kollhu fil-lokalità tagħna.

**62/02/14** **Para 60/02/14:** Is-Sindku qal li d-dawl tal-bozza tal-fanal LED jista' jsir *warm white* u li ser nibdew inwaħħlu fanali ġodda.

**62/02/15** **Para 60/02/17:** Is-Sindku qal li kemm il-Party tal-Milied organizzat mis-Sotto Kumitat Qasam Soċjali kif ukoll il-Mixja sal-Għar kienu ta' suċċess kbir.

**62/02/16** **Para 60/02/19:** Is-Sindku nforma li ħa jsiru *crash barrier* u *bollard* tal-ħadid għal mal-koxxa tal-knisja biex jgħatu aktar protezzjoni.

**62/02/17** **Para 60/02/22:** Is-Sindku nforma li talba għal *bins* ħdejn il-Każin tal-Banda għadha pendenti.

**62/02/18** **Para 60/02/23:** Is-Sindku spjega li l-mera fi Triq il-Gnien faċċat tar-rampa saret.

**62/02/19** **Para 60/02/24:** Is-Sindku qal li saret *site-visit* u nstab li ma hemmx fejn jeħel l-isem ta' Triq fin-naħa t'isfel ta' Triq il-Kbira.

**62/02/20** **Para 60/02/26:** Is-Sindku qal li qed nistennew stima mingħand tax-Xogħlijiet sabiex il-bankina fin-naħa t'isfel issir bil-konkos imbagħad jerġa' jsir il-madum ħalli l-bankina tibqa' kif inhi illum. Huwa qal li s-Sur Mario Mallia ma jaghmilx dan ix-xogħol.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

62/02/21 **Para 60/04/01:** Is-Sindku nforma l-Kunsill neħħa żewġ tabelli u ħalla biss it-tabella ta' ħdejn il-garaxx. Infrastructure Malta ma qablitx ma' din id-deċiżjoni. Għaldaqstant saret talba biex niltaqgħu ma' Infrastructure Malta biex naraw fiex qed nonqsu mid-drittijiet ta'din ir-residenta.

62/02/22 **Para 60/04/03:** Is-Sindku qal li kemm id-*dog bin* ġdid għal ħdejn il-ground tal-football fi Triq Stiefnu Zerafa kif ukoll il-ħames *bins* ġodda għal Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa tad-Duluri) huma ordnati.

62/02/23 **Para 60/04/04:** Is-Sindku nforma li s-Sur Mario Mallia ħa jirranġa l-*parking bays* ta' Triq Karmnu Zarb u ħa jagħmel double yellow lines fi Triq l-Oratorju k/m Triq Karmnu Zarb.

62/02/24 **Para 60/04/07:** Is-Sindku qal li l-għamara tal-uffiċċju ħa tinbidel ftit ftit.

62/02/25 **Para 60/04/08:** Is-Sindku spjega li biex issir *zebra crossing* oħra fi Triq Caravaggio irid jinqata' l-*parking*. Ġie deċiż li t-triq tibqa' kif inhi.

62/02/26 **Para 60/04/09:** Is-Sindku nforma li l-Kunsill qabel li ssir pressjoni sabiex il-*boundary wall* ta' Triq San Bartilmew k/m Triq l-Isqof Gargallo jersaq 'il ġewwa u sabiex titneħħa z-*zebra crossing* temporanja li saret fi Triq San Bartilmew.

**62/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

62/03/01 Is-Sindku spjega li sibna kuntrattur ġdid, is-Sur Philip Caruana, sabiex jieħu ħsieb il-latrina u s'issa sejjer tajjeb.

62/03/02 Is-Sindku ippropona biex tinħareġ offerta ġdida għat-Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

62/03/03 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser joħroġ fuljett f'Marzu u talab lill-Kunsillieri biex jiktbu artiklu kull wieħed.

62/03/04 Is-Sindku propona li f'Marzu ssir laqgħa rigward l-attività ta' Ħadd il-Palm. Id-data ħa tiġi miftehma mal-Pulizija u l-għaqdiet koncernati. Waqt din l-attività l-Kunsill ħa jassisti f'servizz ta' trasport min-Naxxar għal Għargħur u viċi-versa. Kien hemm qbil unanimu.

62/03/05 Is-Sindku nforma li waqa' biċċa mill-ħajt fi Triq l-Isqof Gargallo u li issa hemm periklu għaldaqstant ippropona li jerġa' jinbena. Kien hemm qbil unanimu.

62/03/06 Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni numru PA/05637/16 *Construction of old people's home, swimming pool and ancillary facilities. Site at, Triq Tal-Balal, Naxxar*. Hu spjega li għandna noġġezzjonaw peress li l-art ODZ. Il-Kunsill qabel unanimament.

62/03/07 Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni numru PA 11094/18 li tirrigwardja r-restawr tal-binja li fiha hemm il-King George bar (fil-Pjazza). Hu spjega li għandna noġġezzjonaw fuq l-uzu ta' platform permanenti peress li din toħloq diversi problemi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**62/04/01** Ma kienx hemm.

**62/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**62/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand CRPD – AC112/18 – St John Street & 31st March Street. Ġie deċiż li nduru dan ir-rapport għax ħafna mill-affarijiet m'humiex responsabilità tal-Kunsill.

**62/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**62/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**62/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**62/05/05** Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Sur Mario Mallia għal manutenzjoni ta' bankina fi Triq il-31 ta' Marzu (ħdejn il-bus bay) total €141.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Michael Cohen minn TM fejn qal li dak li qiegħed jipproponi li l-Kunsill jiġifieri li jibdel iż-żewġ *Bus Bays* f'kaxxi tal-parkegg u jħalli biss il-pole tal-*Bus Stop* hija illegali. Barra minn hekk, it-talba tal-Kunsill li s-servizz ta' Trasport Pubbliku jiġi ċirkolari qed tkun ikkunsidrata iżda dawn l-affarijiet ma jinbidlux mil-lejl għan-nhar.

**62/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**62/05/08** Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Blue Skink għal information panel ta' Misraħ il-Knisja [*Design and artwork €60 excl VAT; Printing in high resolution on vinyl with lamination mounted on cnc routed ACP €96 excl VAT; Steel works and painting €250 excl VAT or Steel works including galvanizing and powder coating €330 excl VAT*]. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fuq PA/06159/18 [*Proposed internal at first floor level, demolition of existing roof structures and construction of 2 additional units (1 full floor and 1 receded), Tiana, Triq San Ġwann, Għargħur*].

**62/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*. Notification of Report and Board Sitting PA/04246/18 [*To sanction driveway and pathways constructed prior 1978,*

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

*swimming pool constructed prior 1983, construction of stores and landscaping as existing, St. Paul's Garden, Triq is-Sebħ c/w Triq Santa Katarina, Għargħur*].

**62/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*.

**62/05/12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava (AKL) – Ċir AKL 2019/005 Summit għall-membri żgħażagħ eletti.

**62/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava (AKL) – Ċir AKL 2019/004 Laqgħa Plenarja – Għawdex 15/16 ta' Frar 2019. Għal din il-laqgħa ħa jattendu s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech.

**62/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Anton Mifsud – ECAD membership. Il-Kunsill qabel li ma nieħdux sehem.

**62/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority*. Notification of Completion of DPA Report and Meeting Date PA/05637/16 [*Construction of old people's home, swimming pool and ancillary facilities. Site at, Triq Tal-Balal, Naxxar*].

**62/05/16** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Dr Charles F. Grech li ppropona li jitwaħħlu żewġ tabelli fi Triq in-Naxxar biex javzaw lis-sewwieqa li f'din it-Triq jaqsmu l-qniefed. Il-Kunsill qabel li ma għandhomx għalfejn isiru.

**62/05/17** Ġiet innutata korrispondenza *Residential Parking in Għargħur – Għargħur Football Ground.*

**62/05/18** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava (AKL) – Ċir AKL 2019/006 – Sessjonijiet ta' taħriġ għall-Fire Wardens u kors Bażiku ta' First Aid.

**62/05/19** Talba għal tabella *Do Not Obstruct* fi Sqaq tal-Ħofra. Kien hemm qbil unanimu li jsir.

**62/05/20** Talba biex Triq San Nikola ssir *One-Way*. Ġie deċiż li t-triq tibqa' kif inhi.

**62/05/21** Talba biex żewġ *mc parking bays* jiġu kaxxa waħda ta' *parking* għal karozza fi Triq Stiefnu Zerafa. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**62/05/22** Talba biex ikun hemm *Bus Stop* ieħor fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil li niktbu lil TM.

**62/05/23** Talba biex il-bankina ta' quddiem l-entratura ta' ċimiterju tiġi iktar baxxa. Kien hemm qbil unanimu li issir *site-visit* u filkas titbaxxa.

**62/05/24** Talba sabiex jinqalgħu l-arbli tad-dawl li hemm fi Sqaq il-Qiegħed għax fejn qegħdin huma fi propjetà privata u s-sid mhux qiegħed iħalli lil ħaddiema tad-dawl, tal-GO u tal-Melita biex jidħlu u jirrangaw. Kien hemm qbil unanimu li issir *site-visit.*

**62/05/25** Talba għal bozza ġdida ħdejn il-*Bus Stop* ta' Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu li issir *site-visit*.

**62/05/26** Talba biex fi Triq l-Oratorju isiru l-*parking bays* fuq iż-żewġ naħat; Biex isiru *parking bays* bejn l-istage u l-ewwel biċċa ta' Triq Mons. Luigi Catania u biex titranġa l-bankina ta' ħdejn 13, Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill qabel li fi Triq l- Oratorju ma jistawx isiru *parking bays* fuq iż-żewġ naħat. Jekk isiru isiru *parking bays* bejn l-istage u l-ewwel biċċa ta' Triq Mons. Luigi Catania iktar ser jintilef parkeġġ u sabiex titranġa l-bankina ħa ssir *site-visit*.

**62/05/27** Talba biex jitranġa ħajt tas-sejjieħ fi Triq l-Indipendenza. Kien hemm qbil li ngħidu lil tax-xogħlijiet.

**62/05/28** Talba biex jitranġa ħajt tas-sejjieħ fi Triq l-Isqof Gargallo. Kien hemm qbil unanimu li jsir.

**62/05/29** Is-Sur Carl Grech talab li nġibu stimi sabiex titranġa l-bankina fil-biċċa t'isfel ta' Triq San Bartilmew.

**62/05/31** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li jsiru żewġ tabelli [Għargħur] waħda f'Birguma Bypass u l-oħra fit-telgħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Kien hemm qbil li jsiru.

**62/05/32** Is-Sur Mark Azzopardi ssuġġerixxa li l-Kappillan jikteb artiklu fuq il-Beata Suor Angele-Marie Littlejohn u dan jiġi ppubblikat fil-fuljett tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu.

**62/06** **Ħruġ ta' *Tender for Traffic Signs and Road Markings***

**62/06/01** Is-Sindku ippropona biex tinħareġ offerta ġdida għat-Tabelli u Sinjali tat-Traffiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

**62/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Appraisal Reports***

**62/07/01** Ġie ippreżentat il-*Performance Appraisal Report* tas-SE u l-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DLG sabiex is-SE tingħata *Performance bonus* ta' 10%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-*Performance Appraisal Report* lid-DLG. Is-SE ppreparat il-*Performance Appraisal Reports* ta' Sinjura Maria-Elizabeth Azzopardi u ta' Sinjorina Alexia Muscat. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

jingħataw *Performance bonus* ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tas-SE.

**62/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**62/08/01** Ma kienx hemm.

**62/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**62/09/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**62/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**62/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:10p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar 2019 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**